



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Lulju 2012  
(OR. en)**

**12282/12**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2012/0138 (NLE)**

**VISA 142  
COEST 243  
OC 392**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi

**LINJI GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 18.7.2012**

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2012/UE**

**ta' ...**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina  
li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina  
dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU ....

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru .../2012/UE ta' ...<sup>1\*</sup>, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi ..., soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad- 29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen<sup>2</sup>; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat- 28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen<sup>3</sup>; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

<sup>1</sup> ĠU ....

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 11042/12.

<sup>2</sup> ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

<sup>3</sup> ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni\*.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tipproċedi/jipproċedu, f'isem l-Unjoni, skont l-avviż previst fl-Artikolu 2 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim<sup>1</sup>.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-dokument ST 11044/12.

<sup>1</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.